MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Citazzjoni Numru. 450/2007

**L-Avukat Dr Henri Mizzi, detentur tal-karta tal-identita` numru 143565 (M), bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera The Football Association Premier League Limited ta' 30, Gloucester Place, Londra W1U 8PL; u s-socjeta` Melita plc (C 12715)**

**vs**

**Fluti Mohammed (numru tal-karta tal-identita` 526191 M) ezercenti l-kummerc taht l-isem "Flutisat"**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Dr. Henri Mizzi *nomine* u ta' Melita p.l.c. datat 23 ta' April 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi l-avukat Dr Henri Mizzi huwa awtorizzat jipprezenta dan ir-rikors guramentat ghan-nom tas-socjeta` The Football Association Premier League Limited (“PL”) abbazi ta’ mandat, kopja ta’ liema tinsab annessa ma dan ir-rikors bhala Dokument “A”. Huwa ma jafx personalment il-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors guramentat, liema fatti gew ikkomunikati lilu mir-rapprezentanti ta’ PL. L-Avukat Dr Jean Pierre Scerri jaf il-fatti li ser isegwu personalment.

Illi PL hija l-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur tal-*footage* (“*il-Footage”*) tal-loghob tal-Premier League tal-Ingilterra (“il-Loghob”).

Illi bhala parti min-negozju taghha, PL tillicenzja lil diversi entitajiet madwar id-dinja sabiex dawn ikunu jistghu jxandru l-loghob taht it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratti relattivi.

Illi l-kumpanija hekk illicenzjata f’Malta hija biss il-Melita Cable plc.

Illi dawn l-entitajiet esteri u wkoll, lokalment, il-Melita Cable plc, jxandru l-loghob permezz ta’ satelliti u jbieghu s-servizz taghhom lill-konsumaturi f’dawk it-territorji li fihom huma jkunu awtorizzati jxandru.

Illi dawn l-entitajiet jipprovdu s-servizz taghhom billi, fost affarijiet ohra, jfornu lill-konsumaturi b’*decoders* u/jew b’*cards* elettronici li, permezz tagnhom, il-konsumaturi jkunu jistghu jaccessaw ix-xandiriet tal-Loghob.

Llli kull entita` licenzjata tkun kuntrattwalment marbuta skont it-termini tal-kuntratti rispettivi mal-PL, illi taccerta ruhha illi l-loghob ma jigix trasmess barra mit-territorju li fih hija tkun illicenzjata li tawtorizza t-trasmissjoni tal-loghob (“it-Territorju Licenzjat”) u ulterjorment sabiex taccerta ruhha illi ma jigu awtorizzati jew uzati ebda mezzi (inkluz *tramite cards* elettronici jew *decoders)* bil-kunsens ta’ tali entita` licenzjata, b’tali mod illi jigi permess illi xi persuna ssegwi trasmissjoni tal-Loghob barra mit-Territorju Licenzjat fi kwalunkwe forma. Sabiex taderixxi

ruhha ma’ dan l-obbligu, kull entita` hekk illicenzjata tigi avzata mill-PL, sabiex tadotta l-prassi li taccerta ruhha li l-konsumaturi li jixtru s-servizz jipprovdu ndirizz fit-Territorju Licenzjat u konsegwentement ix-xandir suppost li jinqabad biss f’dak l-indirizz fit-Territorju Licenzjat.

Illi PL u Melita Cable plc jafu l-intimat qieghed ibiegh *cards* bhal ma huma per ezempju SKY (UK), SKY (Italia), IPS, ART u Digi Alb lill-konsumaturi diversi u dan bi ksur tad-drittijiet tal-awtur ta’ PL fuq il-Footage tal-Loghob u tal-Melita Cable plc, din tal-ahhar bhala l-unika socjeta` li hija awtorizzata f’Malta illi tittrasmetti l-Loghob. PL qatt ma awtorizzat ix-xandir tal-Loghob *tramite* dawn il-*cards* u ohrajn f’Malta u l-unika socjeta` debitament illicenzjata sabiex titrasmetti l-Loghob f’Malta hija l-Melita Cable plc.

Illi dan in-negozju tal-intimat qieghed jikkawza pregudizzju serju lil PL u lil Melita Cable plc.

Illi s-socjetajiet rikorrenti diga` pprotestaw kontra dan l-agir permezz ta’ protest numru 60/07 (Dokument “B”) izda *nonostante* dan, l-intimat baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjetajiet attrici talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi bl-agir tieghu l-intimat kiser u/jew qieghed jikser id-drittijiet tal-awtur ta’ PL u d-drittijiet ta’ Melita Cable plc, din tal-ahhar bhala l-unika socjeta` f’Malta illi hija awtorizzata titrasmetti l-Loghob.

2. Tiddikjara illi minhabba f’dan l-agir, l-PL u l-Melita Cable plc sofrew danni.

3. Tillikwida dawn id-danni; u

4. Tikkundanna lill-intimat ihallas dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-protest numru 60/07.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 11 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Mohammed Fluti (KI Numru 526191M) datata 30 ta’ Awwissu 2007 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament b’referenza ghat-tieni paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta` estera The Football Association Premier League Limited ghandha ggib prova illi hija l-unika proprjetarja tal-’footage’ tal-loghob tal-Premier League fl-Ingilterra.

2. Illi prelimininarjament ukoll b’referenza ghar-raba’ paragrafu tar-rikors guramentat is-socjeta` rikorrenti l-ohra Melita Cable plc ghandha ggib prova illi hija l-unika licenzjata f’Malta sabiex ixxandar l-imsemmi loghob b’mod esklussiv.

3. Illi fil-mertu t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

4. Illi b’referenza ghas-seba’ paragrafu tar-rikors guramentat l-esponent ma huwa marbut b’ebda obbligazzjonijiet kuntrattwali mal-ebda wahda mis-socjetajiet rikorrenti u ghaldaqstant dak li gie miftiehem kuntrattwalment bejn is-socjetajiet rikorrenti u entitajiet ohra jikkostitwixxi *res inter alios acta* fil-konfront tal-esponent.

5. Illi fi kwalsiasi kaz l-esponent agixxa legalment kif ukoll *in buona fede* u ghaldaqstant ma jista’ jinzamm responsabbli ghal ebda danni reklamati mis-socjetajiet rikorrenti.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjetajiet rikorrenti ghandha jressqu prova cara u mhux ipotetika tad-danni allegatament minnhom sofferti kif ukoll li tali

danni allegatament sofferti huma rizultat ta' xi azzjoni jew ommissjoni da parti tal-esponent.

7. Illi *inoltre* bla pregudizzju, kuntrarjament ghal dak li jinghad f'paragrafu ghaxra tar-rikors guramentat, l-agir allegatament imputabbli lill-esponent ma baqax isehh kif anke konfermat minn PL Dr Jean Pierre Scerri fl-affidavit tieghu.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-intimat.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tal-konvenuta Audrey Camilleri a fol. 48 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta' Novembru 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Ramona Frendo biex tiffissa s-seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet u sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Dr. Henri Mizzi *nomine et* datata 4 ta' Jannar 2010.

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet tal-konvenut Mohammed Fluti datata 12 ta' Frar 2010.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Marisa Azzopardi ghar-rikorrenti *nomine*, Dr. Josette Grech ghall-konvenut u l-Perit Legali Dr. Ramona Frendo li halfet ir-rapport. Fr. Josette Grech talbet taghmel nota ta' kritika. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet hamsin (50) gurnata zmien ghall-prezentata tal-istess nota bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollha hamsin (50) gurnata ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat- 28 ta' Gunju 2011.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2011 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo mahluf fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, flimkien mas-seduti kollha quddiemha prodotta u d-dokument hemm esebiti.

Rat in-nota ta' kritika tal-konvenut Mohammed Fluti ghar-rapport tal-Perit Legali datata 1 ta' Marzu 2011.

Rat in-nota responsiva tal-Avukat Dr. Henry Mizzi *nomine et* datata 19 ta' April 2011.

Rat ir-rikors tal- Avukat Dr. Henry Mizzi et datata 27 ta' Mejju 2011 fejn talbet li l-isem tas-socjeta' attrici Melita Cable plc jinbidel u jigi ndikat bhala dak ta' Melita plc u l-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fil-31 ta' Mejju 2011.

Rat ir-rikors datat 25 ta' Awissu 2011 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 4 ta' Ottubru 2011 u l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ghar-ragunijiet hemm indikati (fol. 902).

Rat in-nota tal-konvenut datata 5 ta' Ottubru 2011 (fol. 903).

Rat in-nota tal-attur nomine datata 21 ta' Novembru 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Josette Grech ghall-konvenut u Dr. Sharon Azzopardi ghas-socjetajiet attrici, u l-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Frar 2012; u l-verbali tad-29 ta' Frar 2012, tal-15 ta' Mejju 2012, u tas-26 ta' Gunju 2012 fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-28 ta' Settembru 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjetajiet attrici qed jallega li l-konvenut biegh cards elettronici hawn Malta bhal dawk indikati f'paragrafu 8 ta' tar-rikors guramentat u qed jigi allegat li dan qed issir bi ksur tad-drittijiet tal-istess socjetajiet attrici PL u Melita Cable plc (MC).

Illi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut hija fis-sens illi l-Premier League (PL) ghandha ggib prova illi hija l-unika proprjetarja tal-*footage* tal-*Premier League* fl-Ingilterra u ghall din l-eccezzjoni l-PL ipproduciet estratt mill-ftehim iffirmat bejn PL u *The British Broadcasting Corporation (BBC)* nhar il-5 ta' Novembru 2003 (Dok. "OW3") u wkoll estratt mill-ftehim iffirmat bejn PL u *The British Sky Broadcasting Limited* (BSkyB) nhar il-11 ta' Gunju 2004 (Dok. "OW4") illi bazikament huma l-istess. Klawsola Numru 2.1 ta' dawn il-ftehim tipprovdi s-segwenti:-

*"In consideration of these presents, the Licensee, (BBC f'Dok. OW3 u BSkyB f'Dok. OW4) with full title guarantee hereby assigns to the Premier League (is-socjeta' attrici PL) (by way of present assignment of future Copyright pursuant to Section 91 of the Copyright, Designs and Patents Act 1988) the entire Copyright in all Licensee Footage throughout the territory and throughout the Premier League Territory TO HOLD the same unto the Premier League absolutely until the expiry of the Copyright in all Licensee Footage (including all renewals and extensions of all periods of copyright in the Licensee Footage)".*

Illi l-frazi *"Licensee Footage"* hija definita *ai termini* ta' l-istess Ftehim bhala *"all material, pictures, programme feeds and footage of Highlight Matches (including all associated soundtracks other than commentary, music and commerical sound recordings) which may be filmed,*

*recorded or produced by or on behalf of the Licensee during the Term and in accordance with this Agreement".*

Illi PL ipproduciet ukoll estratt mill-ftehim iffirmat bejn PL u TWI (UK) Limited nhar it-18 ta' Awissu 2004. Il-Klawsola Numru 3.1 ta' dan il-ftehim tipprovdi s-segwenti:-

*"Assignment of Copyright"*

*"In consideration of these presents, TWI with full title guarantee hereby assigns to FAPL* (PL) *(by way of a present assignment of the future copyright pursuant to Section 91 of the Copyright Designs and Patents Act 1988) the entire copyright in the World Feed and Support Programming throughout the world in the World Feed and Support Programming TO HOLD the same unto FAPL absolutely until the expiry of copyright in the World Feed and all Supporting Programming (including all renewals and extensions of all periods of copyright in the World Feed and all Support Programming)".*

Illi l-frazi *"Support Programming"* hija definita fil-ftehim relattiv bhala *"the Highlights Programme and the Preview Programme"* u dan dejjem b'referenza ghal-loghob tal-*Premier League.*

Illi mela ghalkemm mhix il-proprjetarja originali tal-*footage* tal-loghob tal-Premier League, minn tali estratti jirrizulta li s-socjeta` attrici PL qed tallega li giet assenjata d-drittijiet ta' l-awtur fuq l-istess *footage* tal-imsemmija loghobiet ghat-Territorju hemm indikat (li ma giex indikat bil-preciz din il-kawza), u jidher li fuq din il-bazi il-PL ghandha *locus standi* sabiex tintavola l-proceduri odjerni skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 43 (1) tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta** illi jaghti d-dritt sabiex jipprocedu in konnessjoni ma' lezjonijiet tad-drittijiet taghhom lill-*"proprjetarju ta' dawk id-drittijiet ta' l-awtur jew ta' detentur tad-drittijiet",* li l-istess socjeta' attrici qed tippretendi li ghandha a bazi tal-imsemmija ftehim. Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fit-tieni lok il-konvenut eccepixxa wkoll illi s-socjeta` attrici Melita Cable p.l.c. ghandha ggib prova illi hija l-unika entita’ jew socjeta’ licenzjata f’Malta sabiex ixxandar il-loghob tal-*Premier League* b’mod esklussiv.

Illi f’dan ir-rigward, jirrizulta li s-socjeta’ attrici qed tikkontendi li permezz ta’ klawsola 3 tal-Ftehim iffirmat bejn PL u Melita Cable p.l.c. nhar l-10 ta’ Awissu 2004 (Dok. “OW1”) (li kien japplika ghall-istaguni 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007), u b’hekk huwa l-ftehim li jkopri l-perjodu mertu tal-proceduri odjerni, l-istess socjeta Melita Cable p.l.c. (MC) kellha d-dritt ta’ l-esklussivita` sabiex titrasmetti tali loghob fit-territorju Malti matul l-istaguni 2004/2005, 2005/2006, u 2006/2007.

Illi fil-fatt din il-klawsola taqra, testwalment: -

*“Exclusivity and Access*

*3.1.1.1 The Premier League undertakes that… it shall not:*

*(a) directly or indirectly authorise any other third party (without the prior consent of the Licensee* (Melita Cable p.l.c.) *to broadcast, transmit or otherwise make available for viewing within the Territory* (Malta u Ghawdex) *(whether in analogue or digital format and whether as part of a Channel or on a Pay-Per-View Basis or otherwise) audiovisual images of any Premier League Match (or any part or parts of any Premier League Match)* ***live*** *during the Term by means of any Delivery System or technology (whether now known or hereafter invented); or*

*(b) directly or indirectly authorise any third party (without the prior written consent of the Licensee) to broadcast, transmit or otherwise make available for viewing within the Territory (whether in analogue or digital format) audio-visual images of any Premier League Match (or any part or parts of any Premier League Match) during the Exclusive Period* (ossia l-istaguni msemmija illi ghalihom jirreferi l-Ftehim) *in*

*respect of that Premier League Match by means of any Delivery Sustem (but excluding Home Video Devices)".*

Illi hawn jinghad li l-azzjoni attrici hija fil-fatt marbuta ma dan l-allegat dritt ta' esklussivita' li jsiru tali xandirijiet mill MC hawn Malta, u fuq id-dritt vantat mill-istess MC, li hija ghandha l-licenzja mill-PL sabiex titrasmetti tali *footage* tal-loghobiet tal-Premier League fit-Territorju Malti, u dan jirrizulta kemm mir-rikors guramentat tant li f'paragrafu 4 tal-istess jinghad li *"il-kumpania hekk illicenzjata f'Malta hija biss il-Melita Cable plc".*

Illi din il-Qorti thoss li ghalkemm il-*footage* kif trasmess huwa suggett ghad-drittijiet tal-awtur, f'dan il-kaz il-bejgh ta' *smart cards* li jinsabu fis-suq b'mod legali ma jimporta bl-ebda mod xi ksur tad-drittijiet tal-awtur, ghaliex jirrizulta li l-istess *smart cards* kien mahruga mill-PL stess, awtorizzati minnha stess u mqieghda fuq is-suq minnha stess jew minn persuni awtorizzati.

Illi din il-Qorti iktar tara li f'dan il-kaz minhabba l-ftehim li l-MC kellha mal-PL dan huwa kaz ta' ksur tal-istess ftehim u ksur ta' tali licenzja, izda hawn l-konvenut ma jiccentra xejn u dan peress li anke jekk jigi koncess li biegh l-istess *smart cards* jirrizulta li dawn kienu fis-suq b'mod regolari u allura hemm ksur tal-kondizzjonijiet li biha inghatat l-istess licenzja lis-socjeta' attrici MC. Dak li huwa allegat li ghamel il-konvenut bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat bhala ksur ta' drittijiet tal-awtur ghaliex ma giex ippruvat li l-konvenut ghamel xi att kif kontemplat fl-**artikolu 7 tal-Kap. 415** u dan inkluz is-**subartikolu 7 (1) (c) u (f),** ghaliex ma kienx hemm la hemm d-distribuzzjoni hemm kontemplata u anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 8** u hawn il-Qorti qed tiddissassocja ruhha mill-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward u minflok taddotta s-sottomissjonijiet kontenuti f'paragrafu 6.1 u 6.2 u 7 tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut datata l-1 ta' Marzu 2011.

Illi dan apparti l-fatt li ghalkemm l-atturi qed jimputaw li l-konvenut biegh hawn Malta sistemi illi jaghtu access ghal-loghob tal-*Premier League*, u jinsistu illi dan huwa leziv

tad-drittijiet taghhom, fil-kaz ta’ PL bhala l-proprjetarja tad-drittijiet ta’ l-awtur *(copyright)* fuq il-*footage* ta’ tali loghob, u fil-kaz ta’ Melita Cable p.l.c. bhala l-unika licenzjata hawn Malta tul il-perijodu bejn is-sena 2004 u 2007 sabiex ixxandar tali loghob, din il-Qorti thoss li dak li allegatament qed jinghad li ghamel il-konvenut mhux fil-fatt lesiv tad-drittijiet tal-atturi u dan ghar-ragunijiet hawn decizi.

Illi dan qed jinghad ghaliex kif diga` gie rilevat, id-drittijiet ta’ l-atturi jirrizultaw mill-estratti tal-kuntratti minnhom esebiti (Dok. “OW3”; Dok. “OW4”, u Dok. “OW5” fil-kaz ta’ PL u Dok. “OW 1” u Dok. “OW 2” fil-kaz Melita Cable p.l.c.), izda l-Ftehim iffirmat bejn l-atturi (Dok. “OW1”) jirregola l-kundizzjonijiet tal-licenzja esklussiva moghtija minn PL lil Melita Cable p.l.c. sabiex ixxandar f’Malta l-loghob tal-Premier League matul l-istaguni 2004/2005, 2005/2006, u 2006/2007. Il-kundizzjoni ta’ esklussivita` hija pattwita, b’mod partikolari fil-Klawsola 3.1(a).

Illi jinghad ukoll li fir-rigward tal-MC jirrizulta li hija qed tibbaza l-azzjoni taghha propju fuq id-dritt ta’ esklussivita’ li PL tat lilha ghat-territorju li presumibilment huwa dak ta’ Malta, izda f’dan is-sens jinghad li fid-decizjoni fl-ismijiet **“Karen Murphy vs Media Protection Services Limited”** ((C429/08 – 4 ta’ Ottubru 2011) mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea gie ritenut li restrizzonijiet li jillimittaw l-uzu f’dak il-kaz ta’ adirittura foreign *decoding devices* inkluzi *decoder cards*, u wkoll il-limitazzjonijiet territorjali fl-ezercizzju ta’ tali dritt moghti fl-imsemmi ftehim mill-partijiet kontraenti gie kkunsidrat bhala *“an agreement which might tend to restore the divisions between national markets* (and) *is liable to frustrate the Treaty’s objective of achieving the integration of those markets through the establishment of a single market. Thus aggrements which are aimed at partitioning national markets according to national borders or make the interpretation of national markets more difficult must be regarded, in principle, as agreements whose object is to restrict competition within the meaning of Article 101 (1) TFEU…”.*

Illi l-istess gie ritenut f'dan ir-rigward fis-sentenza **"L-Avukat Dr. Henri Mizzi nomine et vs Telestarr Limited"** (P.A. (AL) – 20 ta' April 2012, u din il-Qorti tirreferi ghall insenjamenti fl-istess decizjoni bhala applikabbli ghall-kaz in ezami biss u limitatament konsistenti ma' dak hawn deciz, u f'dan il-kuntest thoss li tali restrizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi ftehim imorru kontra l-principju relatat mal-*freedom to provide services* u hawn issir riferenza ghall pagna 11 u 12 tal-istess decizjoni.

Illi dwar l-allegati danni reklamati jinghad ukoll li dwar il-prova jekk il-konvenut kienx tul il-perjodu bejn il-21 ta' Frar 2005 u l-21 ta' Frar 2007 ibiegh *smartcards* u/jew sistemi ohrajn li kienu jaghtu access ghal loghob tal-*Premier League* fit-territorju Malti jidher li l-atturi qed jallegaw li l-konvenut kien qieghed ibiegh smartcards u/jew sistemi ohrajn li jaghtu access ghal-loghob tal-*Premier League* hawn Malta ghaliex f'Marzu tas-sena 2006 (affidavit ta' Oliver Weingarten u l-ewwel Affidavit ta' Dottor Jean Pierre Scerri datat 11 ta' Gunju 2007) il-konvenut kien irreklama l-bejgh ta' tali prodotti fil-*Bargain Magazine* (Dok. "JP1") ghall habta ta' Marzu 2006. Mela l-atturi qed jalludi biss ghall perjodu minn Marzu 2006 il-quddiem, ghaliex din hija l-ewwel data li tissemma mis-socjetajiet attrici.

Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt li d-danni li s-socjetajiet attrici qed jippretendu huma dawk relattivi ghall-perjodu bejn Marzu 2006 u 21 ta' Frar 2007 anke ghaliex skond ix-xhieda ta' Dr. Jean Pierre Scerri jinghad li l-konvenut waqaf jirreklama u/jew ibiegh tali sistema wara li gie notifikat bil-protest gudizzjarju tal-21 ta' Frar 2007.

Illi jidher li f'dan ir-rigward il-konvenut qed jissottometti li ghalkemm huwa kien jirreklama l-bejgh ta' sistemi illi jaghtu access ghal-loghob tal-Premier League, dan ma jfissirx necessarjament illi huwa kien verament irnexxielu jbiegh l-istess prodotti, u dwar dan il-konvenut jikkontendi li l-atturi ma rnexxielhomx igibu l-ebda prova ta' tali bejgh da parti ta' l-istess konvenut ta' tali prodotti. Sabiex jissostanzja dana l-argument tieghu, il-konvenut ipprezenta kopji ta' l-*Annual Reports* sottomessi minn

Melita Cable p.l.c. lil *Malta Financial Services Authority* fis-snin 2003, 2004 u 2005 (Dok. “MF4” sa Dok. “MF6”), minn fejn jirrizulta illi din is-socjeta` attrici kienet qieghda, kull ma jmur, izzid il-profitti taghha u skond l-istess konvenut dan juri u jipprova li l-konvenut ma kienx qed ibiegh is-sistemi lamentati mill-atturi u fuq kollox li l-ebda danni ma gew ippruvati mis-socjeta’ attrici MC.

Illi m’hemmx dubju li dak allegat mis-socjetajiet attrici kemm dwar il-kawzali, nkluz l-allegat bejgh da parte tal-konvenut tal-cards in kwistjoni u kif ukoll dwar id-danni allegatament sofferti huwa oneru impost fuq l-istess atturi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et”** (P.A. (NC) – 28 ta’ April 2004) fejn inghad li l-grad tal-prova rikjest fil-kamp civili:-

*“Huwa l-attur illi jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-Citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero` l-grad ta’ prova rikjest fil-kamp civili, b’differenza minn kawzi kriminali fejn il-Ligi tesigi illi l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed illi jkun hemm certezza morali f’mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f’kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet.”*

Illi ghalkemm jirrizulta mill-provi li l-konvenut kien jirreklama l-bejgh ta’ sistemi illi jaghtu access ghal-loghob tal-Premier League, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Oliver Weingarten u ta’ Dottor Jean Pierre Scerri, kif ukoll mir-reklam illi ghamel il-konvenut f’*Bargain Magazine* (Dok. “JP1’) pero’ ma hemm l-ebda prova li l-istess konvenut effettivament biegh tali sistemi, u lanqas hemm il-prova li tali sistemi attwalment intuzaw sabiex jigi trasmess il-loghob tal-*Premier League* u ghalhekk din il-Qorti hawn ukoll u f’dan il-kuntest ma hijiex qed taqbel ma dak li kkonkludiet il-Perit Legali fuq dan il-punt.Illi dwar l-ammont ta’ danni reklamati jinghad ghall darba ohra li fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss li dak sottomess mill-atturi huwa biss ipotetiku u ma hemm ebda forma ta’ danni ppruvati; fil-fatt din il-Qorti zzid tghid li l-atturi PL xorta thallsu l-ammonti li kellhom jircievu skond il-ftehim mal-MC, liema ammont ma giex indikat; fil-kaz ta’ MC ma

jirrizulax li huma ammonti fattwali, izda kollha prezunti u bl-ebda mod sostanzjati, u dan iktar u iktar meta jigi kkonsidrat li MC ghar-ragunijiet taghha lanqas ma indikat ammonti precizi miftehma fil-kuntratt u certament li l-prospett prezentat, maghmul appositavement ghal din il-kawza ma jistax' jigi kkonsidrat bhala wiehed reali u fattwali, izda kif ritenut fid-decizjoni **"L-Avukat Dr. Henri Mizzi nomine et vs Telestarr Limited"** (P.A. (AL) – 20 ta' April 2012) wiehed ghall kollox esegerat u fittizju. Dan qed jinghad lill hinn minn dak li qed jigi hawn deciz, li huwa li ma hemmx prova ta' dak allegat mill-atturi fil-konfront tal-konvenut, u anke kieku dan kien minnu, tali atti ma jimportawx ksur tad-drittijiet tal-awtur.

Illi fil-fatt dwar dan il-punt din il-Qorti taqbel ma' dak kollu li inghad mill-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu datata l-1 ta' Marzu 2011 minn pagna 9 sa 13 tal-istess taht it-titolu *"Likwidazzjoni tad-Danni favur il-Melita' Cable plc"* (fol. 818 sa fol. 822) u ghalhekk kull talba ta' danni qed tigi michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' it-tielet u is-sitt eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------